MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2015

Numru. 726/2002

**Il-Pulizjia**
**Supritentendent Alexandra Mamo**

**VS**

**Angelic Mifsud detentur tal-karta tal-identita' numru 47569M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Angelic Mifsud** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, u cioe' fl-14 ta' Ottubru, 1997 u fix-xhur ta' qabel u wara l-imsemmija data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000.00) bi hsara ta' George Zammt, Barth Attard, is-socjeta' Donnington Shipping Company Limited, is-Socjeta' Panta Lesco, u persuni ohra bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000.00), liema flus kienu jappartjenu lil George Zammt, Barth Attard, is-socjetajiet Donnington Shipping Company Limited, Panta Lesco u persuni ohra, u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, Angelic Mifsud wiegeb illi ma kinx hati taghhom; kif ukoll illi prezentat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, huwa ddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni ghal dan.

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjalament ix-xhieda migjuba u d-dokumenti ezebiti.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet.

L-**<u>Ufficjal Prosekutur</u>** minn naha taghha xehdet dwar il-kwerela li rceviet minghand George Zammit dwar allegat frodi li sofra hu minn idejn l-imputat u huh Jesmond Mifsud li kienu jmexxu l-istabbiliment "Power Centre".
Xehdet illi fuq hekk hi kienet baghtet kemm ghal Angelic l-imputat, u huh Jesmond ahwa Mifsud, biex b'hekk investigat ir-rapport. Ezebiet konsegwentement l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, siccome huh Jesmond ma giex imressaq minnha ghaliex skondtha l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu ma rrizultawx.
Spjegat in-natura tar-rapport illi rceviet, li l-Qorti ser tirriproduci fix-xhieda ta' Barth Attard u George Zammit.
L-istqarrija ta' Angelic Mifsud giet ezebita bhala Dok AM (folio 18).

Is-succint tar-rapport illi rcievet l-Ispettur kien illi kemm George Zammit kif ukoll Barth Attard, gew truffati s-somma kull wiehed ta hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000), u dan b'qerq ta' Angelic Mifsud.

Ezbiet ukoill il-Memorandum and Articles tas-socjetajiet Donnington Shipping Ltd (Dok AM1) u Power Centre Co. Ltd (Dok AM2).

Aktar tard l-Ufficjal Prosekutur ezebiet ukoll l-Ittri Rogatorji ta' xhieda (bankarja) li kellha tinstema' fir-Renju Unit.

Dawn fil-fatt gew tradotti minn Dr Ludvic Caruana. Aktar tard l-istess gew esegwiti u ezebiti fl-atti ghall-konsiderazzjoni taghhom bhala prova.

In kontro ezami l-Ufficjal Prosekutur xehdet u spjegat illi l-kwerela kienet mibghuta biss f'isem George Zammit bhala direttur ta' Donnington Shipping Co Ltd. Qalet illi fil-kors tal-investigazzjoni Jesmond Mifsud gie skolpat.

Mistoqsija jekk qatt ikkonsidratx il-pista li George Zammit kien fil-fatt iddifroda lil Barth Attard, wiegbet fin-negattiv. Ikkonfermat illi kien irrizultalha li l-flus gew trasferiti mill-kontijiet ta' Zammit u Attard. Qalet illi hi lanqas ma nvestigat illi l-flus trasferiti kienu diga' fil-kont ta' Ashely Ann Bureau de Change qabel l-allegat 'deal' bejn Zammit u l-imputat. Spjegat ukoll illi ma ressqitx lil Jesmond Mifsud ukoll ghaliex, ghalkemm l-ewwel inkontru sar bejn George Zammit u l-ahwa Mifsud, pero d-deal sussegwenti sar biss bejn Zammit u Angelic Mifsud. Ziedet illi anke fil-konfront tad-deal ma' Barth Attard kien involut biss Angelic Mifsud. Qalet illi ghalihom ma rrizultax illi Jesmond Mifsud kien involut.

Telghu jixhdu kemm **George Zammit**, il-vera kwerelant; kif ukoll **Barth Attard** li allegatament gie wkoll difrodat mill-imputat.

**George Zammit** minn naha tieghu qal u ddepona billi beda biex jikkonferma d-dokument GZ (gia' ezebit mis-Sur Paul Gambina a folio 114, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Legal Office). Dwar dan id-dokument, Zammit xehed illi dan kien jirrifletti t-transfer ta' flus li hu f'isem il-kumpanija tieghu trasferixxa fuq struzzjonijiet tal-imputat.

Spjega li hu lill-imputat kien jafu stante li dan kien ghamillu xi nstallazzjonijiet ta’ equipment fuq vapur tieghu. Xehed illi sena u nofs wara kien sabu u talbu biex jghinu billi jsellfu flus fuq negozju ta’ equipment ta’ bastimenti, satellite communications u radar. Xehed illi l-imputat kien spjegalu li kien ha kuntratt kbir mill-Libja u hu kien gia’ hallas xi flus bhala deposit, pero li kien jonqsu xi flus izjed. Wieghdu jekk jghinu, rimunerazzjoni tajba. Talbu s-somma ta’ mija u tmenin elf (180,000) jew mija u sebghin elf (170,000) Lira Sterlina (£).
Qal illi kien f’dan dahhal lil habib tieghu certu Barth Attard ta’ Panta Lesco Ltd, stante li ma’ dan kien habib sew u kien gieli ghamel negozju mieghu. Zied illi ghalhekk hu u dan Barth regghu ltaqghu mal-imputat; illi ftehmu mieghu li jidhol ghal din il-bicca tax-xoghol. Kien l-imputat li tah l-indirizzi fejn kellhom jigu trasferiti l-flus. Tahom struzzjonijiet ta’ kont ta’ Ashley Ann, anke tahom l-account number.

Qal illi hu u Barth baghtu l-flus, pero wara jumejn l-imputat kien talabhom aktar flus. L-ewwel transfer xehed illi kien ta’ hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000)-il wiehed – dan dejjem fil-konfront ta’ Ashley Ann Bureau de Change, sar fil-kont indikat lilhom mill-imputat, kont f’isem Ashley Ann Bureau de Change.

L-imputat issa qallu li kellu bzonn aktar flus ghax kienu talbuhomlu l-barranin biex jaghtuh il-kuntratt.

Ikkonferma li kienu anke raw il-kuntratt (tender) dettaljat tal-makkinarju - satellite communications, gas turbines, radars, u affarijiet ta’ komunikazzjoni relatati. Xehed illi dan kien uriehomlhom l-imputat, pero nonostante li kellu jaghtiehom kopja, din qatt ma waslet. Qal illi l-imputat kien spjegalhom li

kien kuntratt li fih kienu nvoluti kemm il-Libjani u l-Amerikani.

Ezebixxa George Zammit l-affidavit tieghu Dok GZ3, dan ezebit a folio 163 (gia' minnu ezebit fil-kawza Civili kontra l-istess imputat bhala allura konvenut).

Dan gie moqri lilu. Spjega kif kien sar jaf illi l-ahwa Mifsud – Angelic u Jesmond; li kien jixtri xoghol minghandhom u li ta' dan kien ihallas. Ikkonferma li Angelic issa flimkien ma' huh Jesmond kien talbu self ta' flus biex jiehdu u jassiguraw kuntratt kbir. Qal illi fil-bidu silifhom is-somma ta' hamsin elf lira Maltin (Lm50,000.00) li hallsu lura b'post-dated cheque.

Qal illi gie avvicinat fl-14 ta' Ottubru, 1997. Hawn urewh il-kuntratt imsemmi u anke wieghduh illi jaghtuh kopja. Kien kuntratt ta' seba' miljun (7,000,000) Dollaru ghall-esportazzjoni ta' satellite equipment gewwa l-Libja. Irrepeta l-bzonn tal-ghajnuna finanzjarja u li nkluda lil Barth Attard. Ghalhekk Barth u hu ltaqghu mal-ahwa Mifsud. Jghid illi Angelic Mifsud gabilhom anke kopja tat-tender form li kien fiha Bill of Quantities ta' certu equipment fuq vapuri.

Semmielhom l-imputat lil wiehed Amerikan – certu Johann Botlon, u avukat Libjan Idris Babaa, u avukat Ingliz certu Smith: skont l-imputat ukoll involuti f'dan in-negozju.

Angelic Mifsud kien qallhom illi kienu fuq il-kuntratt gia' hallsu certu cifri li wriehom fuq id-dokument GZ3. Zied illi ghalkemm hu kellu anke jiltaqa' ma' dawn il-barranin, qatt ma waslu u hallew lilu u lil Barth Attard jistennew f'laqgha organizzata gewwa l-Jerma Palace Hotel.

Qal illi Angelic Mifsud kien anke spjegalhom illi l-qliegh kellu jkun ta’ tliet miljuni (3,000,000); wieghdhom illi lilhom barra li jhallashom il-flus mislufa lura, kien ser jaghtiehom qliegh ta’ miljun Dollaru ($1,000,000).

Ikkonferma li d-dokument GZ3 tahulu Angelic Mifsud, u li kien ra l-original ghand Angelic.

Skondtu kien Angelic li tah id-dettalji ta’ fejn kellhom jitrasferixxu l-flus go account number 60985171 80209561, f’Ashley Ann Bureau De Change bhala beneficiary, dan kif jidher fid-dokumenti ezebiti bhala Dok GZ4 a folio 174 u Dok GZ5 a folio 175.

Qal illi dik is-somma hu ttrasferieha mill-Bank of Valletta u uza l-kumpanija tieghu – Donnington Shipping ghal dan in-negozju. Ghamel referenza bhall-prova ta’ dan it-trasferiment ghad-dokumenti GZ1 – GZ6, ezebiti a folio 163 – 176.

Rega’ kkonferma li xi jiem wara dan Angelic Mifsud rega’ talbu xi flus. Hawn ix-xhud kellem lil Barth Attard li kellu da parti tieghu kuntatti mal-Ambaxxata Libjana. Ghalhekk xehed illi dan Barth Attard kien cempillu u qallu li sar jaf mill-Ambaxxata Libjana li dan Idris Baba ma kinux jafu bih. Zied illi tramite kuntatti fl-Ingilterra, saru jafu wkoll illi certu Bolton ma kinux jafu bih lanqas. Anke vverifikaw li n-numru telefoniku li tahom l-imputat ma kinx jezisti. Talbuh il-flus lura. Qal ukoll lill-ahwa Mifsud li kinx lest (tkellem hawn anke ghal Attard), illi jaghtuhom aktar flus. L-imputat kien qallu li l-barranin kienu lesti jaghtu l-flus lura, basta jaqtghu xi charges. Pero kompla jixhed illi ghalkemm ghadda certu zmien, il-flus baqghu ma gewx ritornati, nonostante li l-imputat baqa’ jwieghdu li l-flus kienu ser jaslu lura.

Kompla dan Zammit li meta beda jinsisti li anke jkellem lill-barranin, Angelic Mifsud kien anke qallu li kellu l-linja bil-hsara tal-kumpanija tieghu gewwa Bir id-Deheb ghax kieku kien icempel lil Bolton. Ghalhekk ix-xhud jghid illi marru l-ufficju tieghu. Hawn l-imputat cempel x'imkien, qallu l-Ingilterra, ghaddielu t-telephone u ghalhekk ix-xhud kellem lil xi ragel fuq it-telephone. Dan ir-ragel qallu biex ma jinkwieta xejn, ghax kienu ser jaghtuhom flushom lura. Zied illi anke rrekordja din it-telefonata bejniethom tramite sistema fit-telephone tieghu.
Zied illi hu u Barth anke ndunaw illi ssemma fit-telefonata President, meta fil-fatt il-Libja ma kinx hemm dan.

Zied illi aktar tard Angelic Mifsud kien anke qallu li l-barranin kienu tawh lura l-flus, pero dawn kienu, minhabba problemi ta' exchange control, tpoggew go kont ta' zitu li kienet fin-negozju u li kienet tghix l-Ingilterra. Kien anke ghaddielu kopja tal-korrispondenza tal-Avukat li kienet qabbdet zitu, Dok GZ2 – Dok GZ2A. Jghid illi dawn id-dokumenti kien rahom ghand Angelic Mifud. Prova allura x-xhud jaghmel kuntatt ma' dan l-avukat Smith, skondtu rrizultalu li dan ma kinx jezisti.

Qal illi wara vizita ohra tieghu ma' Attard, Angelic Mifsud kien assigurahom illi hu qatt ma kien inganna lil xi hadd. Anke f'okkazjoni kien qallu li dan Idris u Bolton kienu qeghdin Malta; u hu u Barth kellhom jiltaqghu maghhom gewwa l-Jerma Palace Hotel. Dawn baqghu hemm jistennewhom pero dawn ma marrux ghal din il-laqgha.

Xehed illi aktar tard peress illi kien ghadda hafna zmien, dan Angelic kien qallu wkoll illi biex ihallashom flushom lura

kien ha jixtri merkanzija konsistenti f'satellite communications equipment, u huma kienu ser jithallsu bil-bejgh ta' din il-merca. Tah ukoll statement of account ta' ditta Clutterback li kienet verament tezisti, jghid ix-xhud illi hu vverifika dan, Dok GZ7 – Dok GZ8 (folio 177 u 178). Zied illi bhall-kaz tad-dokumenti l-ohra, dawn kien tahomlu Angelic Mifsud.

Zied illi terga' aktar tard, dan Angelic kien anke rega' avvicinah u talbu self ta' aktar flus biex ihallas il-freight tal-equipment imsemmi. Kontra dan is-self tah post-dated cheque, li pero meta gie prezentat il-bank gie referred to drawer. Konsegwentement xehed illi minflok dan kien tah zewg kambjali ezebiti bhala Dok GZ9. Qal illi konsegwentement ghamel anke kawza bil-giljottina ghall-pagament ta' dawn il-kambjali. Talbu anke l-imputat ihallaslu l-landing freight ghas-somma ta' elfejn erba' mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm2,496.00). Kontra dan xehed illi Angelic kien tah cheque ezebit bhala Dok GZ11 li baqa' pero ma ssarrafx. Fuq dan ukoll kien istitwixxa kawza.

Qal illi ghalkemm Mifsud l-imputat baqa' jwieghed illi ser ihallashom lura l-flus, ma rawx Lira lura. Qal illi ghalhekk, anke baghat lill-imputat ittra ufficjali u minhabba f'hekk l-imputat kien anke kellmu hazin. Qal illi anke mar l-ufficju jghidlu li kien ihallsu, basta ma jfittxux. Zied illi ghalkemm saru varji appuntamenti ghal laqghat, dawn qatt ma gew onorati minnhom.

Zied illi fil-Qorti deher fic-car illi Angelic Mifsud kien bi hsiebu jinnega kollox, u li ma kellux biex ihallas. Qal illi f'kull  laqgha Mifsud innega li lilu kellu jaghtieh.

Il-kontro ezami **li sar snin  (enfasi tal-Qorti)** wara li kien tela' jixhed fil-bidu tal-proceduri l-istess kwerelant, ghalhekk kien jidher car illi hu, cioe' George Zammit kien nesa hafna dettalji ta' dak li gara, u li kien xehed qabel.

Ftakar illi erba' (4) xhur qabel - ghax pero gie mfakkar, kien xehed f'kawza civili kontra l-istess imputat. Ftakar illi l-kawza civili kienet fuq cheque li bbawnsja, u dik kriminali in ezami, ma kellhomx l-istess mertu. Zied illi kellu erba' (4) kawzi mal-imputat, allura ma kinx facli ghalih illi jiftakar id-dettalji minghajr ma jkun ippreparat kif fil-fatt skondtu ma kinx fis-seduta li kien qieghed isirlu l-kontro ezami, stante li kien tela' varji drabi qabel u dan ma kien qatt sar. Baqa' jinsisti li ma kinx jiftakar il-kawza in ezami fuq xiex kienet. Stqarr illi kellu disgha u sittin (69) sena. Ftakar pero li kienet kawza koncernanti hamsa u tmenin elf lira Sterlina (£85,000). Ftakar li kienet kawza dwar kuntratt mal-Libja u li kellu l-imputat. Qal anke li l-imputat kien wieghdhom flushom lura, imma dawn qatt ma waslu. Ammetta li dan is-self ta' flus ta' hamsa u tmenin elf lira Sterlina (£85,000) sar bil-fomm bhala ftehim u li ma kinx hemm skritturi bejniethom. Innega li hu, kif lilu suggerit, kien ta l-flus lill-imputat wara li ltaqa' mieghu biss darba. Spjega li kien ilu jafu snin.

Qal illi fuq ir-ritorn ta' flus mislufa, kien ilu sena jmur ghand l-imputat biex jigbor flusu lura, u dejjem iwieghdu xi haga. Ikkonferma li kien sar jafu fuq xoghol illi dan kien wahhallu fuq il-bastimenti. Ikkonferma li kien hu li kien hajjar lil Barth jidhol ghan-negozju. Ikkonferma li kien fdah lill-imputat fuq kelmtu, tah il-flus minghajr skrittura.

Dwar it-telefonata li saret ma' Jeffrey Bolton qal illi l-barranin riedu aktar flus. Kellem dan ix-xhud lil xi hadd

suppost Jeffrey Bolton. Ikkonferma x-xhud li hu kien fil-fatt irrekordja din it-telefonata tramite s-sistema tat-telephone tieghu li kellha anke din il-funzjoni. Qal illi n-numru esteru kien tahulu l-istess imputat, anzi li kien l-istess imputat li qabbdu, cioe' ddajlja n-numru.

Ikkonferma li hu lil Bolton ma kinx jafu qabel u li fuq it-telephone ma kinx jaf ma' min kien qed jitkellem.

Mistoqsi ghala lil Bolton kien qallu li kellhom imorru hemm "*to release the funds*", wiegeb illi hu qal dan id-diskors qalu biex forsi jgib flusu lura.

Mistoqsi x'kien il-*business* l-iehor li ghamel indikazzjoni ghalih fil-konversazzjoni ma' Bolton, qal illi dan ghamlu ghaliex prova jwieghdu xi haga biex b'hekk ikun jista' forsi jigbor flusu. Qal illi dan l-"*other business*" kien fil-fatt xi haga vvintata minnu. Insista li hu fil-konversazzjoni ma' Bolton beda jivvinta, qal illi kollox kien "*fittizju……imma titkellem ma' halliel, ma' brigant……*" (folio 386).
Baqa' nsistenti li din it-telefonata ma' Bolton ghamilha biss biex jipprova jiehu flusu lura.

Spjega wkoll illi t-telefonata ma' Bolton kienet fis-sens illi, u ghaliex, ghalkemm kien wieghdu li l-flus gejjin lura, kien anke qallu li kien ser inaqqas ic-charges. Meta x-xhud qallu li seta' jnaqqas dawn, dan Bolton talbu flus izjed, allura kien qallu li kien ser imur hdejh biex jirrilizja iktar fondi. Beda allura jkompli mieghu biex skondtu forsi jigbor flusu. Ghalhekk xehed illi qallu iva, meta talbu izjed flus.

Ghalkemm fuq it-telefonata rekordjata rrizulta li seta’ kien kellem lil Bolton qabel, ix-xhud baqa’ nsistenti li huwa dan ma kinx jiftakru.

Insista wkoll illi Mifsud kien originarjament urieh il-kuntratt tat-tender mal-Libja, katalgu bil-kulur illi kellu fuqu anke l-kliem tender.

Dwar il-fatt illi hu tfixkel id-data ta’ meta kellem lil Mifsud u lil Attard u gew trasferiti l-flejjes, stante li dawn ta’ Barth gew trasferiti fl-14 ta’ Ottubru, meta hu xehed illi tkellem mieghu gimaghtejn wara, wiegeb illi kien hemm zball fid-dati.

Muri d-dokument a folio 171 (GZ2), ikkonferma li dan kien dokument li kien tah l-istess Mifsud meta qallu li l-flus kienu gew imqieghda fil-kont ta’ zitu. Mistoqsi kif, tenut kont tal-Ingliz hazin li kien miktub bih id-dokument, kif emmen illi kien baghtulu avukat, qal illi b’dan id-dokument Angelic kien ikkalmahom.

Gie suggerit lilu li d-dokument GZ2 (folio 171) kien fil-fatt mibghut minn fuq il-fax number tieghu, wiegeb illi ma kinx il-kaz.

Dwar id-dokument ezebit minnu a folio 173, Dok GZ3, qal illi dan ukoll kien tahulu Mifsud biex jurieh il-kuntatti tieghu u l-flejjes li kien gia’ hallas.

Dwar ic-cheque li skondtu ma gix imsarraf ghall-ammont ta’ tmint elef seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm8,750.00), gie suggerit lilu li dan kien, kif jidher minn fuq l-image ezebit, gie msarraf (vide Dok STZ a folio 399), wiegeb illi ma kinx il-

kaz, u li kien hemm kawza fuq l-ammont. Insista li dak ic-cheque kien fil-fatt ibbawnsja.

**Dr Martin Bajada** gie moghti diversi nkarigi fil-kors ta' dawn il-proceduri, li qeda ghalhekk u ezebixxa r-rapporti tieghu relattivi.

Illi l-ewwel zewg relazzjonijiet minnu ezebiti kienu koncernanti l-firem illi kienu jidhru fuq il-varji dokumenti ezebiti, kemm mill-kwerelanti kif ukoll minn Joseph Borg Cardona in rapprezentanza tal-Bank of Valletta. Ikkonkluda Dr Bajada li Angelic Mifsud kien jaghmel uzu minn aktar minn firma wahda, lanqas ghalhekk ma eskluda li l-firem fuq il-kambjali ezebiti bhala Dok GZ huma tal-imputat Angelic Mifsud (vide relazzjonijiet a folio 207 u 329).

Aktar tard Dr Martin Bajada tqabbad biex jaghmel traskrizzjoni tar-recording tat-telefonata li rrekordja George Zammit, kif irrizulta mix-xhieda tieghu, u liema traskrizzjoni saret referenza ampja ghaliha fil-kontro ezami ta' Zammit kif gia' rajna (vide folio 338).

**Barth Attard** minn naha tieghu, xehed illi hu kellu negozju bil-isem Panta Lesco Ltd; illi tramite George Zammit, habib tieghu u li mieghu anke ghamel negozju, kien iltaqa' mal-imputat. Fiehem illi kien dan Zammit li laqqghu mal-imputat – dan biex jghinuh f'negozju ghax ried flus "*against invoice*" ta' xi materjal li kien ghall-Libja li skont l-imputat kellu valur ta' seba' mitt miljun Dollaru ($700,000,000). Zied illi l-ftehim bejniethom ma' Mifsud kien li jekk jghinuh f'dan, kien ser jaghtiehom profitt ta' miljun Dollaru ($1,000,000). Irrefera ghall-akkuzat bhala Anglu. Qal illi dan uriehom dokumenti li kien fihom lista ta' equipment ta' satellite. Xehed illi hu sellef

lill-imputat is-somma ta’ hamsa u tmenin elf lira Sterlina (£85,000). Qal illi hu dan ghamlu minhabba l-fiducja fin-negozju u l-hbiberija li kellu ma’ George Zammit. Qal illi dan kien gie rakkomandat lilu minn Zammit. Qal illi sa dakinhar kien iltaqa’ mal-imputat darba biss. Kien jaf li kellu hanut qabel ma taqbad iz-Zejtun. Hemm rega’ mar ma’ George, qal biex jitolbu lill-imputat il-flus lura. Dan qal gara ghaliex ghamlu xi telefonati minn fejn irrizulta li l-kumpanija li kien semmielhom l-imputat ma kinitx tezisti.
Qal illi wara li tawh hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000) kull wiehed, kien rega’ cempillu George u qallu li dan ried izjed flus – globalment jghid illi tah is-somma hawn fuq imsemmija, dan sar bi transfer ta’ bank go kont indikat lilhom mill-imputat.
Qal illi wara li trasferew il-flus saru jafu - hu u George, illi l-kumpanija ndikata lilhom mill-imputat ma kinitx tezisti. Qal illi hu u George bdew ifittxuhom (jaghmel referenza ghall-ahwa Mifsud) biex jiehdu flushom lura. Qal illi qallhom illi flushom kienu marru l-Irlanda u kellha ttiehomlhom iz-zija tal-imputat li kienet tghix hemm. Qal illi kien George Zammit li kien ikollu nkontri mal-imputat biex jigbor lura l-flus.

Ezebixxa bhala Dok BA (folio 100) l-istruzzjonijiet li hu ta lil Midland Bank gewwa r-Renju Unit biex tigi trasferita s-somma ta’ hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000) lil Ashley Ann Bureau de Change - isem dan tal-ahhar li skont ix-xhud gie provdut lilu mill-imputat.
Qal illi sal-gurnata li kien qed jixhed ma kinx jaf x’kien sar mill-flus li kien trasferixxa; lanqas kien thallas lura taghhom.

Anke fil-kaz ta’ Barth Attard gie moqri l-affidavit li kien prezenta fil-kawza Civili. Gie wkoll moqri lilu. Anke hu kien semma’ li Angelic Mifsud kien semmielhom lil certu Avukat

Libjan Idris Babaa, u avukat iehor Ingliz bl-isem ta’ Smith. Ikkonferma li tramite l-Ambaxxata Libjana sar jaf illi Idris Babaa ma kinux jafu bih. Ivverifikaw anke dwar l-Avukat Amerikan certu Bolton, anke dan kien inezistenti. Iccekkjaw anke dwar in-numru telefoniku li kien tahom l-imputat, anke dan ma kinx jezisti. Qal illi hu, ghallkemm habib ta’ George, beda jippressa fuqu ghall-flus. Ikkonferma li George kien anke qallu li mill-ufficju tieghu kien kellem fuq it-telephone lil Bolton li kien assigurah fuq ir-ritorn tal-flus. Sema’ l-konversazzjoni li kien irrekordja l-istess George Zammit. Qal illi fiha ntuzaw il-kliem “*our President*”. Qal illi hawn hu kien ikkonferma li l-kuntatt mhux vera kien mal-Libja, stante li dawn ma kellhomx president. Induna wkoll illi fit-tender kien hemm imsemmi “*sockets for gas turbines*”, meta hu kien jaf illi fil-Libja ma kinx hemm gas turbines.

Qal illi hu baqa’ jigi nfurmat fuq il-flus minghand George, pero dawn baqghu ma waslux, ghalhekk xehed illi hu u George Zammit marru ghas-sodisfazzjoni ghand l-ahwa Mifsud biex jara x’kien gara minn flushom. Marru Bir id-Deheb fil-hanut taghhom (tal-ahwa Mifsud) bl-isem “Power Centre”. Hawn skont dan ix-xhud Angelic kien qallhom illi flushom kienu ser johduhom lura. Qal illi hu, ghax beda jwahhal f’George talli sellef dawn il-flus lill-ahwa Mifsud, kien kontinwament icempillu lil Zammit.

Xehed ukoll illi Angelic kien anke qallhom illi kienu gejjin Malta Idris Babaa kif ukoll Bolton, u li kellhom jiltaqghu maghhom flimkien mal-ahwa Mifsud. Ghalhekk hu u Zammit marru jistennewhom il-Jerma Palace Hotel, pero baqghu hemm jistennew, li ma deher hadd.

Qal illi wara xi zmien sema’ minghand George li minflok flus kienu ser jaghtuhom satellite communicators li kienu jiswew hafna flus. George Zammit kien ghalhekk gie moghti minghand l-imputat kopja ta’ statement of account mid-ditta li skondtu, ghax ivverifika, kienet verament tezisti : Clutterbuck Marine Ltd.

Jghid illi dan Zammit kien qallhom illi l-flus tal-bejgh ta’ dan l-equipment kien gie depozitat f’kont il-Mid-Med Bank, branch ta’ Hal Qormi. Ivverifikaw illi ghalkemm vera kien hemm dan il-kont, pero ma kienet saret ebda entrata ta’ flus fih.

Jghid illi anke gew fissati appuntamenti mal-imputat u l-Avukat tieghu, pero dawn qatt ma gew onorati. Jigi puntwalizzat illi lil dan ix-xhud qatt ma sarlu kontro ezami. Ix-xhud miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Kif gia’ ntqal ukoll, l-Ittri Rogatorji gew debitament esegwiti (ezebiti a folio 289 et seq).

Rat ukoll il-witness statement maghhom ezebit ta’ certu Karin Rees - impjegata ta’ Barclays Bank Plc gewwa Londra.

Xehed illi fil-konfront ta’ Angelic Mifsud (kif indikat fl-Ittra Rogatorja), ma nstab ebda tracca ta’ xi kont f’ismu.

Ikkonfermat dwar is-swift transfer ta’ hlas illi sar mill-Bank of Valletta Plc fi zmien tas-16 ta’ Ottubru, 1997, ghas-somma ta’ hamsa u tmemin elf Lira Sterlina (£85,000), fuq ordni ta’ Donnington Shipping Ltd. Gie mix-xhud indikat mill-ledgers tal-bank mill-kont numru 60985171, illi fil-fatt sar dan il-pagament. Il-pagament ta’ dawn il-flejjes permezz ta’ swift

transfer sar ghal go kont go Whetstone Branch ta’ Barclays Bank Plc, u li kien f’isem Lawrence Ofuokwu li kien qed jinnegozja f’isem Ashley Ann Bureau de Change.
Xehed illi l-kont illum kien maghluq u li ma setghetx issib aktar dettalji dwar il-firmatarji tieghu.
Gew ezebiti wkoll kopji taz-zewg swift transfers ghall-ammont ta’ hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000) kull wiehed, maghmula a favur l-imsemmi Lawrence Ofuokwu, Saru dawn minn certu Bartholomew Atta mill-Midland Bank u Donnington Shipping.

Xehdu wkoll ir-rapprezentanti ta’ banek lokali.

**Audrey Ghigo** ghan-nom tal-HSBC spjegat illi Angelic Mifsud kellu kont bankarju ma’ terzi persuni kif ukoll loan account.

**Josette Lepre** ghan-nom ta’ Lombard Bank qalet illi ma dan il-bank Mifsud ma kellu ebda kont.

**Joseph Borg Cardona** ezebixxa l-opening of account form u specimen signature tal-imputat. Dawn aktar tard gew iritrati u ezaminati mill-espert Dr Martin Bajada.

L-imputat, kif gia’ rrizulta mill-ezami tax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, irrilaxxa stqarrija waqt l-investigazzjoni.

Fiha Angelic Mifsud stqarr illi kellu negozju bl-isem “Power Centre Ltd” u li kien wiehed mid-diretturi tal-istess. Spjega li l-generu tan-negozju kien dak illi jbiegh marine equipment bi shab ma’ huh Jesmond. Spjega li kien ilu f’dan in-negozju mis-sena 1988 sat-23 ta’ Jannar, 1999. Ma komplix f’dan in-negozju minhabba dejn.

Mistoqsi jekk kinx jaf lil George Zammit ta' Donnington Shipping, wiegeb illi lil dan kien jafu minn negozju li kien, bhala Power Centre, ghamel mieghu stante li Zammit kien jinnegozja fil-vapuri. Zammit ghalhekk skondtu kien jixtri marine equipment minghand l-ahwa Mifsud. Semma wkoll illi kien jaf li dan Zammit kellu zewg kumpaniji – Ocean Way Ltd u Donnington Shipping Company Ltd. Zied illi kien jafu wkoll ghax minhabba li Zammit kellu agenzija tal-ivvjaggjar, kien gieli xtara biljetti appoziti minghandu. Zied illi minghandhom dan Zammit kien jixtri kemm electronics kif ukoll chandelering. Semma anke li Zammit kellu bastimenti bl-ismijiet Xmun, Night Rider, u Aquarius.

Qal illi l-ewwel konsenja li kien gablu ghall-bastimenti msemmija kienet ghall-ammont ta' ghoxrin elf tliet mija u sitta u disghin Lira Maltin (Lm20,396.00). Ta' din il-konsenja qal illi tah deposit ta' disat elef Lira Maltin (Lm9,000.00), il-bilanc hallsu seba' (7) xhur wara. Zied illi Zammit kien ihallas tax-xoghol imma mhux fil-pront. Anzi zied illi kien ghad fadallu jaghtieh circa hmistax-il elf u hames mitt Lira Maltin (Lm15,500.00) – dan dejjem ghal diversi konsenji ta' marine equipment. Qal illi minhabba li hu kellu problemi finanzjarji biex jimporta dan ix-xoghol ghall-bastiment Xmun, Zammit kien offrielu li jsellfu s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000.00). Qal illi Zammit kien baghat il-flus hu stess ghand ix-shipper. Qal illi ghal dan is-self, Power Centre hareg cekk pagabbli lil Ocean Way Co Ltd, ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm25,500.00), b'hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) qliegh ghas-socjeta' kreditrici.

Innega li Zammit u Attard ghaddew kull wiehed is-somma ta' hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000) fuq kuntratt li hu wriehom ta' satellite equipment mal-Libja. Qal illi hu qatt ma kellu kuntratti ta' esportazzjoni mal-Libja, u li l-aktar li kienu jiddiljaw kien mal-Italja u l-Ingilterra. Inenga wkoll illi hu u huh kien ltaqghu ma' Idris Babaa, Bolton John, u certu wiehed Ingliz Smith. Innega anke li kien jafhom. Innega li huwa u huh hadu jew issellfu xi flus minghand Barth Attard u George Zammit.

Muri d-dokumenti ezebiti, innega li dawn kellhom il-firem tieghu, u li hu qatt ra dak id-dokument jew li gie qatt f'idejh. Qal illi ma kinx jaf bil-kont ta' Ashley Ann Bureau de Change; qatt ma kien sema' bih u li lanqas biss kellu kont barra minn Malta. Anzi zied illi meta hu hallas lura lil Zammit is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000.00), li suppost Zammit baghat lix-shipper, skondtu dan Zammit baghthom go kont iehor. Qal illi ma kinx hu li fil-fatt kien indika n-numru tal-beneficiary account lil Zammit, cioe' dak ta' Ashley Ann Bureau de Change.

Dwar iz-zija li kellu l-Ingilterra, qal illi Zammit kien jaf biha ghaliex kien talbu johdilha xi haga meta dan Zammit kien sejjer l-Ingilterra. Qal dwar l-allegazzjoni li l-flus kienu ghaddew fil-kont ta' zitu, illi Zammit kien mignun.
Cahad illi kien ghadda ebda dokument lil Zammit.
Dwar il-fatt illi rega' talab lil Zammit flus ghall-freight - is-somma ta' tmint elef seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm8,750.00), innega dan. Innega li hu qatt talab lil Zammit jew lil Attard xi flus; illi lil Zammit talbu biss li jaqta' d-dejn. Innega anke li anke ghamillu post-date cheque ghal xi self. Innega li hu ffirma xi kambjali u li l-firma fuqhom tidher

tieghu, pero ma kinitx. Qal illi bhad-dokumenti l-ohra, il-kambjali rahom biss fil-kawza Civili.
Zied illi hu kien jismu Angelic mhux Anglu.

Aktar tard ghazel anke li jixhed viva voce. Spjega li fin-negozju ta’ Power Centre - li wara l-mewt ta’ missieru kien immexxi minnu u minn huh, kienu jimpurtaw affarijiet tal-bahar, yatch chandellering u marine electronics. Qal illi mill-“Power Centre” kien isir hafna xoghol ta’ armar ta’ vapuri bl-electronics, bil-magni, u xoghol iehor hekk relatat. Spjega li sar jaf lil George Zammit fis-sena 1991, fiz-zmien tal-Gwerra tal-Golf. Qal illi Zammit kellu tliet vapuri – Night Rider, Xmun u Aquarius, u kien qabbdu jaghmillu xoghol fuqhom. Ta ezempji ta’ dan ix-xoghol.

Dwar l-allegazzjoni ta’ frodi qal illi dan il-kaz kien imur lura ghas-sena 1997, pero li hu kien gie nvestigat fis-sena 2002. Qal illi hu ma’ Zammit qatt ma ghamel negozju, hlief ghal dak imsemmi tal-vapuri.

Dwar Barth Attard qal illi kien iltaqa’ mieghu meta George Zammit hadu l-ufficju tieghu – din id-darba biss. Innega li hu qatt ghamel negozju ma’ dan George Zammit. Qal illi ltaqa’ mieghu darba biss fl-ufficju tal-Imsida “*for a coffee*”. Qatt ma ddiskuta negozju mieghu.

Qal illi l-Ispettur kienet staqsietu dwar il-hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000.00). Spjega li dan kien cekk illi nhareg fl-14 ta’ Ottubru, 1997.

Spjega li kellu xoghol gej minn Norvegja, u anke kellu jgib nies biex iwahhal l-istess xoghol. Kienet konsenja li jghid li kien ordna hu. Dan kien xoghol ghal Zammit u li ghalih kien

tah deposit ta’ disat elef Lira Maltin (Lm9,000.00), meta l-ammont dovut kellu jkun ta’ ghoxrin elf tliet mija u sittin u disghin Lira Maltin (Lm20,396.00). Dan kien xoghol ta’ twahhil fuq il-bastiment. Qal illi Zammit kien hallas il-bilanc ta’ hdax-il elf mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm11,192.00) wara li ghadda ftit taz-zmien - wara seba’ (7) xhur.
Qal illi hames (5) snin wara dan Zammit xorta kien ghad baqaghlu jaghtieh hmistax-il elf u hames mitt Lira Maltin (Lm15,500.00) ghax in-negozju bejniethom baqa’ jsir - dejjem ghal diversi marine equipment.

Qal illi Zammit kellu bzonn xi xoghol ghall-bastiment “Xmun”, liema konsenja kienet gholja fil-prezz. Qal illi peress illi hu kellu jiehu hafna flus minghand klijenti varji, Zammit offrielu self ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000.00), anzi aktar tard jghid illi tah bhala self is-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf sitt mija u hamsin Lira Maltin (Lm23,650.00). Tahomlu b’cekk tal-Bank of Valletta u issa jghid illi tah lura bhala qliegh is-somma ta’ tminn mitt Lira Maltin (Lm800.00), b’cekk tieghu mahrug mill-Mid-Med Bank ta’ erbgha u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm24,500.00), li Zammit skondtu sarraf sebat (7) jiem wara.
Ezebixxa c-cekk bhala Dok AM. Qal illi meta ghamel referenza ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm25,500.00) fl-istqarrija, kien qed jirreferi ghal dan ic-cheque.

Rega’ nnega li hu qatt kellem lil Zammit jew Attard dwar xi negozju, u li hu qatt ircieva flejjes minn dawk minnhom mibghuta ta’ hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000O) circa kull wiehed. Qal illi dan la ghamlu hu u lanqas huh. Zied

illi hu qatt ma qabbad lil hadd johrog xi flejjes, anke mill-kont illi kellu hu mal-HSBC. Ezebixxa ta' dan id-dokument AM1.

Xehed dwar id-dokument AM2 (folio 459) li jirreferi ghal certu Larry Mitchell gewwa n-Nigeria. Qal dwar il-pagamenti hemm indikati ta' Attard u ta' Donnington Shipping, illi dan ma kinx kont tieghu u lanqas ma kien jaf min kien dan Mitchell imsemmi. Qal illi fil-fatt dawk il-flus qatt ma dahlu fil-kont tieghu – dak minnu ndikat (vide Dok AM).

Rega' kkonferma dak li nnega fl-istatement u allura l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu (u anke ta' huh), kemm minn Zammit u Attard, u cioe' tal-kuntratt esteru.
Qal illi ma setax jifhem ghala Zammit kien qed jaghmel din l-allegazzjoni fuqu.

Qal illi l-kuntatti mal-Ingilterra li kellu qabel kienu ma' Pool Dorset, ma' kumpanija li kienet tissuplixxi satellite equipment.
Qal illi ma kellux kontijiet bankarji barra.

Dwar il-cassette rigwardanti l-konvesazzjoni ma' Bolton, qal illi hu kien ikun ta' spiss ghand Zammit fuq xoghol relatat ma' bastimenti. Kien hawn illi hu ried isemmghu dan il-cassette. Qal illi din kienet l-unika darba li hu kien sema' b'dan John Bolton. Jghid illi ghalkemm sema' l-cassette, u sema' s-somma ta' seba', tminn mijuni, hu ma kellux dawn it-tip ta' flus u lanqas dan it-tip ta' negozju.

Qal illi Zammit kien ghad fadallu jaghtieh hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000.00).

Qal illi l-ewwel li sar jaf bl-allegazzjoni mertu ta’ din il-kawza, kien meta rcieva ittra b’avukat u mill-investigazzjoni tal-pulizija.

Qal ukoll illi nonostante li hu suppost hadilhom il-flus, Zammit xorta baqa’ jinnegozja mieghu.

Dwar id-dokumnent li ezebixxa Zammit li suppost hu (l-imputat) urieh biex jurieh l-ispejjez li kien gia’ hallas barra, wiegeb illi dan l-ewwel darba li kien rah kien biss fil-Qorti. Zied wara li kienet anke wrietulu s-Supritendent fit-tehid tal-statement (dan meta mfakkar mill-Avukat Difensur).

Dwar il-kont ta’ Ashley Ann Bureau de Change, qal illi hu la qatt ircieva direttament u lanqas indirettament flus minn dan il-kont.

Dwar is-somma ta’ tmint elef seba’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm8,750.00), qal illi hu qatt ma ffirma kambjali kif allega Zammit, anzi zied illi c-cekk in partikolari, kontrarjament ghal dak illi allega Zammit, kien issarraf. Insista li dan kien jirrizulta mic-cheque image ezebit, Dok AM3, u Dok AM4 a folio 460 – 461.

Dwar id-dokument ezebit minn Zammit, cioe’ d-dokument Dok GZ, irrepeta dak illi kien gia’ ssugerixxa l-Avukat Difensur fil-kontro ezami ta’ Zammit – illi fil-fatt dan id-dokument kien ircevieh Zammit mhux l-imputat.

In kontro ezami wiegeb illi hu ma setax jiftah kawza lil Zammit dwar dak lilu minnu dovut minhabba s-sekwestru maghmul kontra tieghu mill-istess Zammit. Qal illi ghand Barth Attard mar biss ma’ Zammit biex igibu xi spare parts.

Dwar dak illi allega Barth Attard fil-konfront tieghu, qal illi dan ma kinx jaf ghalfejn.
Qal illi hu qatt ma kellu kuntatti mal-Libja hlief meta bastiment ta’ George Zammit kien inkalja hemm u pprova jghinu.

Mistoqsi mill-Avukat tal-parte civile ghalfejn fil-kawzi civili kien qal illi qabel kellu kuntatti mal-Libja, pero kien qata’ stante sitwazzjoni perikoluza, wiegeb illi mhux kuntatti kellu imma l-kumpanija GNTC - wahda li kienet tahdem fil-Libja kienet tigi Malta biex twahhallhom l-equipment. Qal illi pero hu qatt ma dahal f’xoghol maghhom ta’ bejgh ta’ satellite equipment minhabba s-sanzjonijiet kontra l-Libja.

Mistoqsi dwar Clutter Buck Marine li xehdu anke fil-kawzi civili f’Malta, x’kellhom x’jaqsmu ma’ George Zammit, wiegeb illi hu ma kinx jiftakar illi ghadda kopja ta’ dawk id-dokumenti lil Zammit; ma kinx jiftakar x’kien gara fil-kawzi l-ohra.

Baqa’ nsistenti li kull konversazzjoni li qatt kellu ma’ George Zammit fuq flus - fuq self, kienet rigwardanti l-hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000.00) gia’ minnu msemmija.

Ghandu jinghad ukoll illi saru domandi lil Angelic Mifsud koncernanti d-dokumenti KB1, li huwa recording ta’ konversazzjoni ohra, li pero ma gewx ezebiti fl-atti.

Dwar id-dokument gia’ ezebit a folio 113, qal ukoll illi n-numru tal-kont hemm muri, cioe’ 478002092, Mid-Med Bank, Birzebbuga Road, Birzebbuga, xehed ukoll illi dan il-kont ma kinx jezisti, anzi li ma kinx dak uzat minn Power Centre Co

Ltd, u cioe' dak ta' 04477335200 (ukoll Dok AM5 a folio 462).

Xehed ukoll hu l-imputat Jesmond Zammit. Qal illi fi zmien ta' dan il-kaz, hu barra li kien pilota fuq il-bahar, kien anke fi shab ma' huh. Qal illi hu kien direttur ma' huh fil-kumpanija, kienu jimpurtaw affarijiet marittimi bhal electronics.
Zied illi George Zammit kien ilu jafu mis-sena 1985, fil-bidu ghax kien jahdem ma' shipping company, u sussegwentement fis-sena 1993 mar jixtri minghandhom mill-hanut. Kien jixtri skondtu ta' spiss parts minghandhom tal-vapuri biex anke jarmawhomlu.

Spjega fuq l-allegazzjoni li hu sar jaf biha meta gie mharrek fic-civil bil-claim li kellu jaghtieh hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000). Qal illi din kienet sorpriza ghalih. Qal illi qabel ic-citazzjoni, Zammit qatt ma qallu li kellu jaghtieh xi haga, nonostante li kien jarah ta' spiss fil-hanut.
Qal illi kienet anke baghtet ghalih l-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo.

Tkellem dwar id-dokument GZ, ukoll JM2 folio 488, cioe' dak id-dokument li bihom Zammit baghat il-flus barra, spjega li dawn il-flus intbaghtu f'kont mhux taghhom.

Qal illi l-flus jidhru li ntbaghtu fl-14 ta' Ottubru, 1997, mentri b'referenza ghad-dokument AG1 folio 492, skondtu l-flus mibghuta minn Barth Attard, kienu post-dated ghall-14 ta' Ottubru. Allura argumenta li huma ma setghu qatt tawhom in-numru tal-kont fl-14 ta' Ottubru.

Qal illi Barth Attard fil-kawza civili halef illi qatt ma kien rah. La kien gharaf lilu u lanqas lil huh. Qal illi l-kont fuq Lawrence Offukwu ma kinx taghhom (Dok JM4 folio 490).

Dwar id-dokument minnu ezebit, Dok JM5, anke hu spjega li dan ic-cekk kien gie msarraf. Qal illi dan kien issellef il-flus minghandu u regghu, wara xi gimaghtejn, avvicinawh ghal aktar. Qal illi fil-fatt dan ic-cekk kien gie msarraf wara li l-istess Zammit baghat il-flus, illi c-cekk sarrfu fil-15 u l-flus baghthom fl-14. Zied dwar il-messagg li ntbaghat minn Clutter illi ghalkemm kien hemm isem il-hanut taghhom, in-numru tal-fax kien dak ta’ George Zammit.

Bhal huh innega wkoll illi hu qatt ta xi dokumenti lil George Zammit.

Qal ukoll illi Barth Attard dejjem ried il-flus minghand George Zammit mhux minghandhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi mputati lil Angelic Mifsud huma dawk ta’ frodi ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll dawk ai termini tal-Artikoli 293 u 294, dejjem tal-istess Kapitolu.

L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:
“*Kull min, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal*

*tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*"

L-elementi mehtiega allura biex jirrizula dan ir-reat, ghalhekk huma l-uzu tal-ingann li l-Ligi tiddeskrivi b'ismijiet foloz, kwalifiki foloz, uzu ta' qerq, ingann jew wiri ta' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, uzu ta' hila jew setgha fuq haddiehor, ta' krediti immaginarji sabiex titqanqal tama jew biza' – issa dawn il-kwalifiki wasslu lill-guristi taghna li hawn si tratta ta' dik imsejha "*messa in scena*". Ghalhekk biex jigi realizzat dan ir-reat, jehtieg dik ir-rexta, manuvra teatrali li twassal u trid twassal ghall-ingann.

Element iehor ta' dan ir-reat huwa illli dan it-teatrin, il-qerq, l-ingann, irid pero iwassal ghall-qliegh, liema qliegh isir bi hsara ta' haddiehor.

L-Antolisei jiddeskrivi t-truffa b'dan il-mod:

"*Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche' il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un'arbitraria, e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri, riesce ad ottenere che la vittima si danneggi di se': consegni una cosa, assuma*

*un'obbligazione, rinunzi ad un suo diretto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregiudizievole per il suo patrimonio a vantaggioso per altri.*"

F Antolisei, Manuele di Diretto Penale, Parte Speciale 1, page 336.

Ikomli dwar l-elementi ta' dan ir-reat hekk:

"*Dalla definizione legislative sopra riportata si desume che la fattispecie oggettiva della truffa consta dei seguenti elementi:*

1. *Un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione ‹‹artifizi o raggiri››;*
2. *la causazione di errore, il quale, come vedredmo, deve a sua volte dare origine a una disposizione patrimoniale;*
3. *un danno partimoniale derivato dall'inganno con conseguente ingiusto profitto per l'agente o altra persona.*"

Illi jekk wiehed jezamina dak illi qal George Zammit u Barth Attard, cioe' li gew avvicinati minn Angelic Mifsud (u anke huh), u l-imputat talabhom jghinuh b'self biex jiehu kuntratt kbir mill-Libja, uriehom varji dokumenti ta' dan il-kuntratt, sahansitra t-tender tal-istess kuntratt mal-Libja, biex jikkonvinci (aktar lil George) li dan in-negozju mal-Libja kien veritjier. Anke producielhom varji dokumenti li gia' gew ezaminati aktar 'il fuq, illi kienu ntizi biex jinducu fit-twemmin tal-ezistenza ta' dan il-kuntratt ta' satellite equipment mal-Libja. Tfakkar il-Qorti li dan fil-fatt kien il-generu ta' xoghol illi fil-fatt kien jaghmel l-imputat ma' huh mill-hanut jew negozju "Power Centre Ltd". Illi kien ukoll il-

generu ta’ negozju li kien isir bejn l-ahwa Mifsud u George Zammit, stante li dawn kienu jarmawlu l-bastimenti tieghu.

Mela sa hawn jidher fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, sodisfatt l-ewwel element, cioe’ dak it-teatrin li jinduci ghall-qerq, ingann.

Ovvjament, jekk Zammit u tramite tieghu Attard, emmnu b’dan il-kuntratt, baghtu l-flus barra, allura gew indotti f’dan il-qerq tramite r-raggiri ta’ Mifsud, gew allura mankanti kull wiehed is-somma ta’ hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000).

Illi l-ahhar element ta’ dan ir-reat huwa l-qliegh li jsir mill-agent ghad-dannu ta’ Zammit u Barth.

Issa bla dubbju, u dan il-Qorti temmnu bis-sahha, Donnington Shipping, allura George Zammit u Barth Attard, ghamlu t-trasferiment tal-flus imsemmija. Dan ghamluh gol-kont ta’ Ashley Ann Bureau de Change, skondthom fuq struzzjonijiet ta’ Angelic Mifsud.

Dan kollu huwa ben u diversi drabi michud mill-imputat.

Minn naha tieghu Angelic Mifsud fil-fatt anke gab varji argumenti li dak allegat ma kinx minnu. Argumenti u

kongetturi mressqa kemm minnu kif ukoll minn huh; anke nterpretaw id-dokumenti ezebiti, jew ahjar pruvaw.

Angelic Mifsud prova jdawwar l-istorja madwar self li kellu ma' George Zammit ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000.00) circa, li pero ma taqbel qatt mas-somma ta' hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000) pretiza.

Anke l-kongettura dwar id-dokument indirizzat lil Power Centre, pero skondthom fuq fax number ta' George Zammit, ghal din il-Qorti hija wahda fjakka ghax facilment u xorta dan seta' gie moghti lil Zammit minn Mifsud.

Punt iehor li fl-opinjoni ta' din il-Qorti jimmilita a favur Zammit, kien kif dokumenti ta' socjeta' li maghha kien jahdem l-imptuat spiccaw ghand l-istess Zammit - jekk mhux ghax tahomlu hu stess. Hawn il-Qorti qed taghmel referenza ghad-dokumenti mibghuta minn Cluttterbuck Marine Ltd li spiccaw ghand Zammit, socjeta' li ex admissis l-imputat kien ghamel negozju maghha.

Il-Qorti fil-fatt tasal biex temmen illi kemm Barth Attard kif ukoll George Zammit emmnu lill-imputat u tawh il-flus mitluba. Del resto, ghalkemm Zammit - gieli anke minhabba t-trapass ta' zmien li ghadda, ma kinx preciz, bejnu u bejn Attard kien hemm qbil fuq l-elementi primarji ta' din l-istorja. Attard kien car ghala baghat il-flus barra, wara li saret il-laqgha ma' Mifsud u kkonvinca ruhu minn negozju mal-Libja. Tant kien hekk involut, illi kien hu li anke beda jinstiga s-

suspetti dwar dan in-negozju kif sar konsapevoli tas-suppost president Libjan, u gas turbines ghall-uzu fil-Libja. Illi fil-fatt ghalkemm gie anke suggerit mid-Difiza li kien dan George Zammit li qarraq b'Barth Attard, Attard dan qatt ma qalu – anzi kien car u ferm f'dak illi okkora u kif gie ndott fuq dak illi qal lilu u lil Zammit Mifsud, li jibghat l-Isterlina barra minn Malta.

L-ahhar element li trid il-Ligi biex jigi kostitwit dan ir-reat huwa dak ta' qliegh. Mela certament Attard u Zammit ghamlu telf patrimonjali ta' circa hamsa u tmenin elf Lira Sterlina (£85,000) kull wiehed. Issa dawn il-flus gew mghoddija go kont illi frankament jidher illi huwa estranju ghall-imputat. Fil-fatt la mill-Ittra Rogatorja u lanqas mill-ebda prova ohra migjuba ma gie pruvat ebda ness bejn l-imputat u l-kont li fih intbaghtu l-flus. Hemm skont l-Antolisei zewg teoriji dwar il-profitt …… - f'wahda jargumenta hekk: "*Ne descriva che' la realizzazzione del profitto segna il momento consumattivo del reato in esame. Tuttavia, una parte della dottrina ha ritenuto che non e' necessario che l'agente abbia conseguito il vantaggio economico sperato, e cioe' l'aricchimento che se riprometteva dalla sua azione criminosa.*" (pg 346).

Il-Qorti fil-fatt, ghalkemm hija konvinta mill-istorja li prezenta Barth Attard u anke Zammit dwar il-kuntratt fittizju Libjan prezentat minn Mifsud, thoss illi kien mankanti n-ness necessarju ta' dan il-profitt mehtieg li trid il-Ligi. Il-Ligi taghna fil-fatt trid u titkellem car illi jinhtieg li l-qerq ikun ta' rizultat ta' ingann bl-intricci, kif spjegat. Dan il-profitt, ghalkemm il-Qorti temmen li sehh, mhux pero pruvat, ghalhekk tqis illi ghandha tillibera fiq ir-reati kkontemplati

taht l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Anke r-reat alternattiv ta' misappropriјazzjoni ndebita fin-natura tieghu jitlob il-profitt ghall-agent jew persuna ohra. Anke hawn manca din il-prova "*beyond reasonable doubt*" li tista' twassal ghall-htija.

Konsegwentement il-Qorti, ghalhekk temmen fil-verzjonijiet moghtija minn George Zammit u Barth Attard, thoss illi m'ghandha ebda triq ohra hlief illi tillibera lil Angelic Mifsud mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------